ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 37/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 15 ta' Diċembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-16:30hrs.

### Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** | |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** | |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** | |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** | permezz ta' *zoom meeting - online* |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** | |

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 37.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

37.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 37

37.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 37 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

37.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta minn naħa tal-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità fejn infurmawna li qablu mal-kuntratt tad-Day Centre kif preparat mill-Kunsill u għaldaqstant dan seta' jiġi ffirmat.

37.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-kuntratt mill-Awtorità tad-Djar dwar l-Iskema ta' manutenzjoni ta' appartamenti tal-Gvern. Dan kien ser jiġi ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv u l-amministratur tal-blokka ser jifferma wkoll il-kuntratt tiegħu.

37.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u minn Jobs Plus biex tinħareġ il-vakanza għal-ġardinar *full-time* mal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop.

37.3.3.1 Għaldaqstant din il-vakanza ħarġet internament, fil-Kunsill ta' Ħal Kirkop stess u l-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda.

37.3.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsilliera biex jagħtuha data biex issir l-intervista lil dan l-applikant.

37.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti rigward il-problema fejn daħal l-ilma fit-taraġ u dwar il-konsentura li hemm fuq it-tieqa l-kbira.

37.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titkellem mal-bennej biex jara x'inhi l-ħsara u x'hemm bżonn isir.

37.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Comite de Jumelage ta' Rousset fejn talbuna nibgħatu xi ritratti ta' Hal Kirkop għal serata li ser ikunu qed jagħmlu dwar il-Festa tal-Ewropa, nhar is-7 ta' Mejju, 2022.

37.3.5.1 Apparti hekk huma stiednu lill-Kunsill għal din il-festa. Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ser ikun qed jaħdem fuqha biex jekk is-sitwazzjoni tal-Covid-19 dak iż-żmien tkun qalbet għall-aħjar, il-Kunsill ikun jista' jipparteċipa.

37.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva rapport mingħand residenta dwar il-katusa tal-ilma tax-xita fi Triq San Benedittu.

37.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li peress li x-xogħol fi Triq San Benedittu ma sarx mill-Kunsill u sar minn Transport Malta, ir-residenta għandha titkellem direttament magħhom u jaraw kif isolvu l-problema bejniethom.

37.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il–Health Insurance għall-Kunsilliera u l-impjegati tal-Kunsill.

37.3.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill għandu jagħmel din il-polza għall-Kunsilliera u l-impjegati kollha tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

37.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-Kap tal-Iskola rigward il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola. Il-Kap ikkonfermat li ser tkun qed iżżomm mal-ħinijiet tat-tabelli u fl-istess waqt talbet biex terġa' tiġi kkusidrata t-talba li kienet għamlet biex ir-Reserved Parking for Disabled tersaq aktar lejn l-iskola.

37.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li jżommu mad-deċiżjoni meħuda f'laqgħa preċedenti jiġifieri li r-Reserved Parking for Disabled tibqa' fejn hi. Apparti hekk ġie nnutat li l-Kap tal-Iskola qed tipparkja fuq il-bankina u dan huwa ksur ta' liġi u għaldaqstant il-Kap tal-Iskola ma għandhiex tibqa' tagħmel dan.

37.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Kap tal-Iskola għal self tas-sala tal-iskola biex issir sezzjoni ta' drama mill-klassijiet tal–Yr 5 u Yr 6.

37.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li jsir dan is-self u l-ħlas ta' €100 jiġi *waived* mill-Kunsill peress li ser tintuża mit-tfal tal-iskola tagħna u l-iskola tintalab tagħmel ringrazzjament lill-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

37.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva mingħand EkoSkola rigward stedina għall-EHS Week li ser issir flimkien mal-kumpanija ST Microelectronics.

37.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li s-Sindku jipparteċipa f'din l-attività.

37.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-MIA rigward il-proġett tal-*observation area* fi Triq l-Industrija fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-ispiża għal dan il-proġett hija għolja ħafna u li f'dan l-istadju ma jistgħux jidħlu għall-proġett kif inhu. Biss huma infurmaw li lesti li jekk il-Kunsill jaqsam il-proġett f'fażijiet huma jkunu lesti li jassistu finanzjarjament.

37.3.11.1 Dwar l-istess proġett is-Sindku qal li sakemm dħalna għal-laqgħa hu ma kienx għadu rċieva risposta minn naħa tal-Ministeru jekk humiex lesti li jgħinu lill-Kunsill.

37.3.11.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hu qed iħoss li ħadd ma hu qed jagħti kasna u ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk li ħadd ma jikkommetti ruħu meta jkun se jsir xi ħaġa f'Ħal Kirkop.

37.3.11.3 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu ma dan. Għaldaqstant is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat *email* lil Parks Malta u li fiha tkun ikkupjatha l-Ministru fejn titlob risposta u li jekk il-Kunsill mhux ser ikollu risposta favorevoli sa tlett ġimgħat oħra l-Kunsill ser ikun qed joħroġ stqarrija biex iċ-ċittadini ta' Ħal Kirkop ikunu infurmati x'qed jiġri għax il-Kunsill jemmen li r-residenti u dawk li jiġu fil-lokalità tagħna jixraqilhom aħjar.

37.3.11.4 Apparti hekk is-Sindku talab ukoll li tintbgħat korrispondenza lill-Ministeru biex naraw jekk hux ser ikunu qed jgħinu lill-Kunsill fil-proġett ta' tisbieħ fi Triq ir-Ramlija, peress li l-Kunsill kien għadu wkoll bla risposta.

37.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand Vincent's Eco Estate rigward Farm Tour u Food Tasting fl-għelieqi tagħhom.

37.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex iġġib aktar informazzjoni biex jekk is-sitwazzjoni tal-Covid-19 tkun ikkalmat xi ftit il-Kunsill jorganizza mawra għar-residenti ta' Ħal Kirkop.

37.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva mingħand il-lokalità ta' Homps fi Franza biex jaraw jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel ġemellaġġ magħhom.

37.3.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li peress li l-Kunsill diġà għandu ġemellaġġ ma' pajjiż ieħor fi Franza għaldaqstant ma hux interessat.

37.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza dwar Forestry Projects li jużaw sistema biex jitkabbru siġar mingħajr il-ħtieġa ta' drip irrigation.

37.3.14.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tgħaddiha lill-ġardinar biex jara x'jaħseb dwarha u jekk hemmx lok fejn jistgħu jintużaw.

37.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Kappillan rigward ir-rampa tal-Kapella tal-Lunzjata, biex din tiġi ffinanzjata mill-Kunsill.

37.3.15.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u minħabba li l-Kunsill ma għandux il-mezzi, il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jiffinanzja dan il-proġett.

37.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Transport Malta rigward it-talba għall-approvazzjoni biex Triq il-Kbira ssir *one way* u jitneħħa l-parkeġġ.

37.3.16.1 Is-Sindku qal li l-approvazzjoni ħarġet biex it-triq issir *one way* u l-parkeġġ jibqa' hemm.

37.3.16.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb lil TM u tinfurmahom li din it-talba saret wara konsultazzjoni mar-residenti u l-maġġoranza qablet ma' din il-proposta. Għaldaqstant din għanda tiġi approvata kif mitlub mill-Kunsill.

37.3.16.3 Apparti hekk il-Kunsill irċieva *email* rigward l-istess triq minn residenti li toqgħod fi Triq San Rokku fejn qalet li ser jiżdied it-traffiku f'din it-triq.

37.3.16.4 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qalu li din it-triq mhux ser tiġi affetwata.

37.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu laqgħa mal-LEAP! u minn naħa tagħhom ser jibgħatu xi proposti għax jixtiequ li jħawlu xi siġar tal-frott imma qed isibu ħafna vandaliżmu.

37.3.17.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li nistennew minn għandhom biex naraw x'iridu eżatt. Huma qablu wkoll li jekk għandhom bżonn li tinħarat il-ħamrija, din l-għajnuna tista' tingħata mill-Kunsill.

37.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand il-kuntrattur li ħa t-tender tal-WiFi4EU biex jara f'liema postijiet ser jiġu nstallati dawn il-Wi-Fi points.

37.3.18.1 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv tistaqsi min ser ikun qed iħallas għas-servizz tal-internet, biex jekk dan ser jitħallas mid-Dipartiment il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi l-aħjar points fejn ser jeħlu.

37.3.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Ministeru tal-Enerġija rigward żieda ta' *charging pillars* fil-lokalità. Il-Kunsill ġie mitlub jikkonferma jekk Triq ir-Ramlija għadhiex disponibbli u biex jagħti lok ieħor għal *charging pillar* oħra.

37.3.19.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li Triq ir-Ramlija għadha disponibbli u *charging pillar* oħra tista' teħel fi Triq il-Fdal Paleokristjan.

37.3.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward ringrazzjament lill-Kunsilliera tax-xogħol tagħhom.

37.3.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien attenda l-laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar u li l-Kunsill ser ikun jagħmel parti minn dan ir-Reġjun sal-aħħar ta' Diċembru 2021. Mill-1 ta' Jannar, 2022 il-Kunsill ta' Ħal Kirkop ser ikun qed jagħmel parti mir-Reġjun Punent.

37.3.22 Is-Sindku Terence Agius qal li kien hemm bżonn jiġi diskuss il-perjodu ta' kif jinħarġu l-permessi ta' makkinarju, minħabba li kien hemm min qed ikollu problema biex iġib hi-up għal xi delivery mil-lum għal għada.

37.3.22.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-problema u qablu li mill-1 ta' Jannar, 2022 permessi b'urġenza jinħarġu sa 24 siegħa qabel, biss No Parking Signs jinħarġu biss sa 48 siegħa qabel skont kif huwa stipulat minn TM.

## 37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

37.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar Triq ir-Ramlija k/m Triq Danny Cremona k/m Triq Valletta u jekk ix-xogħol f'dawn it-toroq kienx lest. Hu qal li jidher li hemm xogħol ta' bankini li għadhom mhux lesti u lanqas iż-żebgħa tat-toroq għada ma saret.

37.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li x-xogħol ta' *resurfacing* tal-wiċċ tat-triq, bankini u sinjali tat-traffiku għadhom mhux lesti u dan ix-xogħol irid jitlesta minn Infrastracture Malta.

37.4.1.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li tal-mistħija li wara xhur ix-xogħol għadu mhux lest u l-Kunsill mhux infurmat x'qed jiġri.

37.4.1.3 Is-Sindku Terence Agius qal li hu kien qed jagħti ż-żmien għax Infrastracture Malta kienet qegħda tiddeċiedi jekk hux ser tbiddel il-parkeġġ.

37.4.1.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk u nkomplu b'din l-istennija għax ir-residenti qed ibgħatu.

37.4.1.5 Apparti hekk il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar Triq Taż-Żebbiegħ u kif ix-xogħol f'din it-triq minflok tlestiet l-ewwel parti kif kienu qalulna u wara tkompliet it-tieni parti, inqgħalet il-bankina tat-tieni parti u l-bqija baqgħet fi stat li wieħed bilkemm jista' jimxi fiha.

37.4.1.6 Is-Sindku Terence Agius qal li kienu qed jaħdmu fuq is-servizzi u ma sarx kif kien imwiegħed lill-Kunsill. Biss komplew il-bankini tul it-triq kollha u jonqos partijiet żgħar.

37.4.1.7 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintbgħat *email* biex naraw meta ser jitlesta x-xogħol tad-drenaġġ u servizzi u d-data ta' meta hu ppjanat li ssir it-triq. Ninfurmawhom ukoll li fil-laqgħa li kellna magħhom nhar it-2 ta' Novembru, 2021 il-Kunsill kien infurmat li x-xogħol ser jitkompla matul dik il-ġimgħa u l-Ħamis ta' wara kien ser isir l-iscarifying u jingħata l-wiċċ tal-ewwel parti tat-triq.

37.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li kien ser jitkellem dwar il-proġett tal-*observation area* iżda jħossu qata' qalbu u aħjar ma jitkellimx dwarha.

37.4.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar Triq ir-Ramlija u qal li jekk mhux ser ikollna għajnuna mill–Ministeru dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tagħna. Il-Kunsillier John Luke Cassar ser ikun qed iġib l-informazzjoni biex jara kif l-aħjar li ssir biex jitkellem mal-ħaddiema.

37.4.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-cameras ta' Misraħ San Leonardu u Misraħ Ħal Kirkop.

37.4.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jitkellem mal-kuntrattur biex immexxu.

37.4.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju għaliex l-affarijiet li kellu kienu qegħdin fuq l-aġenda.

37.4.6 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar l-ilma fi Triq San Nikola.

37.4.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien bagħat *email* lill-Infrastracture Malta u sakemm dħalna għal-laqgħa ma kienx irċieva risposta.

37.4.7 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li qed ikun hemm boroż taż-żibel fis-*central strip* fi Triq San Nikola.

37.4.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dan qed jinġabar skont l-iskeda u jekk il-persuni ma jinqabdux joħorġu dan l-iskart fil-ħin ħażin, dawn ma jkunux jistgħu jiġu mħarka.

37.4.8 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar it-tabella 'Ħal Kirkop' li hemm quddiem il-kumpanija Multigas.

37.4.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din it-tabella hija ordnata.

37.4.9 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar it-toqob tan-nar tal-art fi Triq San Nikola.

37.4.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien qed jistenna data mingħand il-kuntrattur.

37.4.10 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-19:30hrs.

37.4.11 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar il-parkeġġ fi Triq San Leonardu quddiem Triq il-Ħawħ.

37.4.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet bagħtet lill-ħaddiema biex issir il-kaxxa għall-parkeġġ kif kienu qablu iżda din ma setgħetx issir għax kienet ser tostakola garaxx.

37.4.11.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li l-contract manager jimmoniterja din l-area għal ġimgħa sħiħa u jerġgħu jiddiskutu skont l-eżitu ta' dan il-moniteraġġ.

37.4.12 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar jekk kienux urew interess xi żgħażagħ fir-rigward tal-proġetti taż-żgħażagħ.

37.4.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sa issa kienu nkitbu biss żewġ żgħażagħ.

37.4.12.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' ttella' l-avviż fuq il-paġna ta' facebook u tintbgħat ukoll lill-grupp taż-żgħażagħ ta' Ħal Kirkop.

37.4.13 Il-Kunsillier Cody Galea talab biex il-ġardinar ikompli iżomm iċ-*chat* ħajja, biex kull ħaġa li jkun hemm li tirrigwardja l-ġonna u s-*soft areas* tintbgħat hemm mill-ewwel u anke x-xogħol li jkun qed jagħmel.

37.4.14 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar dagħjsa li hemm ipparkjata fi Triq Giovanni Cassar.

37.4.14.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kull ma jista' jagħmel huwa li jagħmel rapport lill-pulizija u għaldaqstant ser isir dan ir-rapport.

37.4.15 Il-Kunsillier Cody Galea talab biex il-Kunsill jieħu ħsieb itella' aktar ix-xogħol li jkun qed jagħmel fuq il-paġna ta' facebook.

37.4.16 Il-Kunsillier Cody Galea qal li kellu talba biex issir double yellow line faċċata tad-*drive in* fi Triq l-Aħfar.

37.4.16.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill ser ikun qed jitlob l-approval ta' Transport Malta u jekk din tingħata jsir ix-xogħol meħtieġ.

## 37.5 Rapport tal-Ilmenti

37.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward ficus fi Triq Giovanni Cassar, liema siġra kienet qed tagħmel ħsara kbira fit-triq.

37.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill għandu jimxi mal-parir tal-esperiti minn Ambjent Malta u din il-ficus titneħħa biex ma tkomplix tagħmel aktar ħsara.

37.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward l-aċċident li sar fi Triq l-Imdina k/m Triq Tal-Fieres u dwar il-biża li hemm li jsir aċċident ieħor minħabba li hemm *cross road* u li diġà saru aċċidenti oħra.

37.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jittawwal il-hatching fil-kantunieri, u l-iStop tkun tista' tersaq aktar 'il barra biex jitkabbar il-viżwal tal-vetturi li jkunu ġejjin minn Triq Tal-Fieres.

37.5.2.2 Apparti hekk il-Kunsilliera qalu li t-talba biex parti minn Triq Tal-Fieres issir *one way* kontra ta' li hi bħalissa ma tistax tintlaqa' minħabba li ma tistax issir parti tinżel u parti titla'.

37.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 37.6 Proġett - *Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future*

37.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien ġie avviċinat minn mill-Comune ta' Alqueidao fil-Portugal biex jidħol *partner* fil-proġett *'Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future'*.

37.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u qablu li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop jidħol *partner* f'dan il-proġett.

37.6.3 Dan il-proġett beda fil-Portugal f'Settembru li għadda fejn is-Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet għal ftuħ tiegħu flimkien ma' rappreżentanti minn Kunsilli Lokali oħrajn.

37.6.4 Is-Sindku Terence Agius spjega li issa jmiss li ssir il-laqgħa f'Malta u għaldaqstant il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop irid jgħin biex jiġu organizzati l-attivitajiet marbuta ma' dan il-proġett.

37.6.5 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsillier John Luke Cassar biex jgħin lis-Segretarju Eżekuttiv fil-preparamenti għal dan il-proġett.

37.6.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li ser ikun qed jiddiskuti mas-Segretarju Eżekuttiv biex jinħadem il-programm, liema programm jerġa' jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex ikun jista' jgħaddi għand il-*Project Leaders* barranin.

## 37.7 Laqgħa Annwali tal-Lokalità

37.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsilliera biex jiffissaw data biex isisr il-laqgħa annwali tal-lokaliltà. Hija fakkret li skont l-emenda li saret fil-liġi l-Kunsill irid jagħmel żewġ laqgħat annwali, waħda f'Diċembru u waħda f'April tas-sena ta' wara.

37.7.2 Il-Kunsilliera qalu li f'Diċembru huwa impossibbli li ssir u għaldaqstant qablu li l-ewwel laqgħa annwali ssir nhar it-Tlieta, 11 ta' Jannar, 2022 fil-17:30hrs.

37.7.3 Għal dan il-laqgħa ser titqassam ittra f'kull residenza f'Ħal Kirkop, fil-ħwienet u fl-għaqdiet u ser isir reklam fuq il-paġna ta' facebook u fuq il-website tal-Kunsill.

37.7.4 Minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija Covid-19 il-Kunsill ser jinforma lir-residenti li din il-laqgħa ser tkun fuq first come first served basis u dawk li ser jattendu iridu jipprovdu ċ-ċertifikat tal-vaċċin.

## 37.8 PA5460/20 – Bini ta' Appartamenti mill-Awtorità tad-Djar

37.8.1 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill l-oġġezzjoni kif ippreparata mill-Perit wara d-diskussjoni mal-Kunsilliera.

37.8.2 Apparti hekk is-Sindku informa lill-Kunsilliera dwar id-diversi korrispondenzi u telefonati mir-residenti.

37.8.3 Il-Kunsilliera qalu li huma lkoll kienu rċevew diversi telefonati mir-residenti dwar dan l-iżvilupp.

37.8.4 Is-Sindku kompla jgħid li hu jixtieq li fl-oġġezzjoni jiżdied kemm kien hemm parkeġġi u appartamenti fil-permess li kien hemm approvat qabel dan.

37.8.5 Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill mhux kontra li jsir *social housing* imma jaħseb li m'għandhomx jaqbżu it-tliet sulari u li l-bqija tingħata lir-residenti billi jsir ġnien u spazju miftuħ.

37.8.6 Il-Kunsillier Cody Galea qal li jekk ma jistgħux jagħmlu garaxxijiet daqs kemm hemm appartamenti, għaldaqstant għandhom jaraw li jitnaqqas in-numru ta' appartamenti daqs kemm hemm garaxxijiet.

37.8.7 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma jaqbilx li jkun hemm dak in-numru ta' appartamenti għax huwa ammont kbir ħafna li Hal Kirkop ma jiflaħx għalih.

37.8.8 Wara diskussjoni mill-Kunsilliera kollha fuq dan ir-rigward kien hemm qbil li l-oġġezzjoni għandha tkun tinkludi dan li ġej –

- parkeġġ mhux adekwat għan-numru ta' appartamenti meta kkomparat mal-parkeġġi li kien hemm approvati fil-permess ta' qabel;
- jekk ma jistgħux isiru garaxxijiet daqs kemm appartamenti għandhom jaraw li jitnaqqas in-numru ta' appartamenti daqs kemm hemm garaxxijiet;
- il-Kunsill jitlob kumpens ta' spazju pubbliku miftuħ għar-residenti;
- il-Kunsill jesiġi li l-istruttura tad-drenaġġ u tal-ilma tiġi imsaħħa biex ma jkunx hemm problemi u kif ukoll l-ilma tax-xita jinġabar f'ġibjun li jsir apposta;
- l-*overflow* ma jmurx fid-drenaġġ; u
- l-għoli tal-bini ma jaqbiżx it-tlett sulari.

37.8.9 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 37.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

37.9.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 121 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

37.9.2 Is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 121 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 37.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

37.10.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

37.10.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 19 ta' Jannar, 2022 fl-16:30hrs.

37.10.3 Il-laqgħa ntemmet fl-21:50hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 19 ta' Jannar, 2022

**Mozzjoni Ref:** 201/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta’ Seduta Nru. 36.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Ritienne Caruana

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta’ Diċembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 202/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Diċembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 203/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 121.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 15 ta' Diċembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**